



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) tas-26 ta' April 2018 – Azarov vs Il-Kunsill

(Kawża T-190/16)

“Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi adottati fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina – Iffriżar ta’ fondi – Lista ta’ persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplika l-iffriżar ta’ fondi u ta’ riżorsi ekonomiċi – Żamma ta’ isem ir-rikorrent fil-lista – Drittijiet tad-difiża – Prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba – Użu ħażin ta’ poter – Dritt għall-proprjetà – Dritt għal-libertà ta’ intrapriża – Żball manifest ta’ evalwazzjoni”

1. *Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi adottati fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina – Iffriżar ta’ fondi ta’ persuni responsabbli għall-miżapproprjazzjoni ta’ fondi pubbliċi tal-Istat tal-Ukraina – Ksur tad-dritt għall-proprjetà u tal-libertà ta’ intrapriża – Ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità – Assenza*

(Artikolu 21(2)(b) TUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikoli 16 u 17(1); Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2014/119/PESK, premessa 2 u (PESK) 2016/318; Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/311)

(ara l-punti 49 sa 58, 67 sa 71, 75 sa 78)

2. *Rikors għal annullament – Motivi – Użu ħażin ta’ poter – Kunċett*

(ara l-punt 82)

3. *Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina – Iffriżar ta’ fondi – Drittijiet tad-difiża – Kommunikazzjoni tal-provi kontra – Deċiżjoni sussegwenti li żammet l-isem tar-rikorrenti fuq il-lista tal-persuni koperti minn dawn il-miżuri – Assenza ta’ motivi ġodda – Ksur tad-dritt għal smiġħ – Assenza*

(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 41(2)(a); Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/318; Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/311)

(ara l-punti 96 sa 98)

4. *Atti tal-istituzzjonijiet – Motivazzjoni – Obbligu – Portata – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina – Iffriżar ta' fondi ta' persuni responsabbli għall-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi tal-Istat tal-Ukraina – Deċiżjoni li tidħol f'kontest magħruf mill-persuna kkonċernata li tippermettilha tifhem il-portata tal-miżura meħuda fil-konfront tagħha – Ammissibbiltà ta' motivazzjoni sommarja – Limiti – Motivazzjoni li ma tistax tikkonsisti f'formulazzjoni ġenerali u stereotipata*

(Artikolu 296 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 41(2)(c); Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/318; Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/311)

(ara l-punti 116 sa 118)

5. *Rikors għal annullament – Motivi – Nuqqas jew insuffiċjenza ta' motivazzjoni – Motiv distint minn dak li jirrigwarda l-legalità fil-mertu*

(ara l-punt 119)

6. *Unjoni Ewropea – Stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina – Portata tal-istħarriġ – Prova tal-fondatezza tal-miżura – Obbligu, għall-Kunsill, li jivverifika b'mod sistematiku l-provi prodotti mill-awtoritajiet ta' pajjiż terz – Assenza*

(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikoli 41 u 47; Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/318; Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/311)

(ara l-punti 143 sa 147, 152 sa 156, 176, 189)

7. *Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina – Iffriżar ta' fondi ta' persuni responsabbli għall-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi tal-Istat tal-Ukraina – Natura ta' dawn il-miżuri – Miżuri purament kawtelatorji – Assenza ta' natura kriminali*

8. *(Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/318; Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/311)*

(ara l-punti 150, 151)

9. *Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina – Iffriżar ta' fondi ta' persuni responsabbli għall-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi tal-Istat tal-Ukraina – Evalwazzjoni tal-legalità skont informazzjoni disponibbli fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni*

(ara l-punt 157)

10. *Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina – Iffriżar ta' fondi ta' persuni responsabbli għall-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi tal-Istat tal-Ukraina – Subordinazzjoni tal-adozzjoni ta' miżura restrittiva għal kundanna kriminali – Assenza*

(Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK, Artikolu 1(1)(a), kif emendata bid-Deċiżjoni (PESK) 2015/143; Regolament (UE) Nru 208/2014, Artikolu 3(1), kif emendat bir-Regolament (UE) 2015/138)

(ara l-punt 167)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/318 tal-4 ta' Marzu 2016 li temenda d-Deċiżjoni 2014/119/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2016, L 60, p. 76), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/311 tal-4 ta' Marzu 2016 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 208/2014 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2016, L 60, p. 1), sa fejn l-isem tar-rikorrent inżamm fil-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li għalihom japplikaw dawn il-miżuri restrittivi.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Mykola Yanovych Azarov huwa kkundannat għall-ispejjeż.